MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2015

Numru. 246/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Marthese Micallef)**

**vs**

**Philip Borg**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Philip Borg**, karta tal-identita bin-numru 235187M fejn ġie mixli talli fil-perjodu ta' bejn id-

9 ta' Settembru 2013 u l-24 ta' Ġunju 2014 fil-fond Easy Way Self Service, Triq 1 ta' Mejju, Birkirkara, bħala detenur tal-imsemmi fond jew bħala persuna li għandu f'idu l-imsemmi fond, b'diversi atti magħmula minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, imma li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ikkommetta serq ta' kurrent tal-elettriku li jammonta għal 4,820.70 euro għad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, ħin u valur.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Rat li matul is-seduta tas-6 ta' Mejju 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonfermat bil-ġurament tagħha l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tal-imputat filwaqt li matul il-kors tal-eżami tal-imputat, l-istess imputat wieġeb li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet il-provi prodotti;

Rat li matul is-seduta tad-29 ta' Mejju 2015, Robert Busuttil ippreżenta d-dokument a fol 51 li permezz tiegħu, f'isem iċ-Chairman ta' Enemalta plc huwa kien qiegħed itenni li in konnessjoni mar-rapport ta' irregolarita' fl-arloġġ tad-dawl fil-fond meritu ta' dan il-każ, fejn l-istess Enemalta plc iddikjarat li ma baqgħalha ebda pendenza rigward dan il-

każ u ddikjarat li kienet qegħda tirrinunzja mingħajr riżerva għall-passi kriminali, liema rinunzja kienet qed issir skont ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-elettriku (L.S. 423.01), regolament 88.

Rat li permezz ta' nota ta' rinviju għall-ġudizzju datat 16 ta' Lulju 2015 l-Avukat Ġenerali deherlu li mill-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija, tista tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fil-konfront ta' Christian Aquilina fl-Artikoli 17, 18, 31, 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270, 278(3), 279(b), 280(2) u 533 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk iddeċieda li taħt dak maħsub fl-Artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali jibgħat lill-imputat hawn fuq imsemmija sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti u għalhekk bagħat lura l-atti tal-Kompilazzjoni sabiex din il-Qorti tipproċedi skont il-Liġi, b'dan pero li qabel ma tgħaddi biex tiddeċiedi fuq din l-akkuża il-Qorti kellha tieħu konjizzjoni tar-rinunzja tal-kwerela preżentata mill-parte civile u ċjoe l-Korporazzjoni Enemalta li kienet tinsab a fol 51 tal-proċess.

Rat li matul is-seduta tat-22 ta' Lulju 2015 din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, wara li qrat l-istess nota fil-preżenza tal-imputat, staqsietu jekk kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma' kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali;

***Ikkunsidrat : -***

Illi skont l-Artikolu 283A tal-Kodiċi Kriminali :

> Għar-reat ta' serq ta' elettriku ma jittieħed ebda proċediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiża wkoll meta rreat ikun ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati skont dak li jipprovdi l-artikolu 370(1) u l-offiż ma jkunx irrinunzja espressament għall-azzjoni fi żmien erbat ijiem minn dakinhar li jkun sar ir-reat. Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw minkejja kull ħaġa oħra li jingħad fil-proviso tal-artikolu 373.

Inoltre skont ir-regolament 88(2) proviso (a) tal-L.S. 423.01: -

> Iżda wkoll ċ-*Chairman* tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jkollu d-diskrezzjoni assoluta li:
>
> (*a*) jirrinunzja għal proċeduri kriminali kontra persuna jew konsumatur kif hawn qabel imsemmi;

***DECIDE***

Il-Qorti għalhekk wara li ħadet konjizzjoni tar-reċess tal-kwerela da parti taċ-Chairman tal-Enemalta plc u wara li rat l-Artikolu 283A u r-regolament 88(2) proviso (a) tal-L.S. 423.01, tiddikjara l-ażjoni estinta u tillibera lill-imputat minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija illum 22 ta' Lulju 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------